# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI PRELIMINARI NRU. 1001

KAZ NRU. 1201

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Michael La Rosa

u

Burger Operations Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 4 ta' Dicembru 1998

**Chairman : Is-Sur Carmel Debono**

Din il-kwistjoni tax-xoghol giet riferita lit-Tribunal Industrijali mill-Onor. Ministru tal-Harsien Socjali b'ittra datata 29 ta' Dicembru, 1997 Ref. MHS/TI/94/97 biex tigi processata skond l-Artiklu 28(2) tal-Kap 266 tal-Ligi.

It-Tribunal zamm hdax (11)-il seduta.

Is-sur Michael La Rosa li minn issa 'l quddiem jidher bhala l-appellant kien assistit mill-avuakt Raphael Fenech Adàmi LL.D. waqt li Burger Operations Ltd li minn issa tidher bhala l-kumpanija kienet rapprezentata mis-sur Arthur Muscat assistit mill-avukat Andrew Borg Cardona LL.D.

**Eccezzjoni Preliminari**

Il-kumpanija ssottomettiet li t-Tribunal kien prekluz li jiehu konjizzjoni ta' din il-kwistjoni peress li l-appellant kien irrizenja mill-impjieg volontarjament.

**Xhieda**

Fuq dan il-punt xehdu s-segwenti persuni :

| | | |
|---|---|---|
| Is-sur Arthur Muscat | - | Group Human Resources Manager |
| Is-sur Mario Cassar | - | General Manager |
| Is-sinjorina Michele Attard | - | Business Manager. |
| Is-sur Michael La Rosa | - | L-appellant |

**Oservazzjonijiet**

Li jrid jiddeciedi t-Tribunal hu jekk ir-rizenja ta' l-appellant Michael La Rosa kinitx rizenja volontarja jew le. F'dan ir-rigward gie stabbilit li l-appellant veru ffirma l-ittra ta' rizenja mill-impjieg wara li gie mghajjat sommarjament biex jidher quddiem il-Management.

Veru wkoll li gie moghti l-ghazla jekk riedx jirrizenja jew jigi mkecci ghar-raguni li allegament ikkommetta offizi varji

li fil-fehma tal-Management kienu meqjusa nkonpattibbli mal-posizzjoni manigerjali li kellu : viz dik ta' Asst. Manager.

Gie stabbilit li l-appellant gie michud it-talba li jikkonsulta avukat anzi mgharraf li ried jiddeciedi fl-istess laqgha jekk jaghzilx li jirrizenja jew jigi mkecci. Ma hemmx dubju li f'din il-laqgha barra minnu kienu prezenti erba' (4) persuni ta' diversi gradi manigerjali, li l-ispokesman taghhom kien is-sur Arthur Muscat, Group Human Resources Manager tal-kumpanija.

It-Tribunal josserva li ghalkemm il-laqgha damet sejra bejn 20 u 25 minuta, ma saret l-ebda diskussjoni dwar l-offizi allegati kommessi mill-appellant. Dak li sar kien li dawn l-offizi gew elenkati lill-appellant li cahadhom.

Jidher ukoll li l-management kien iddecieda qabel il-laqgha li l-impjieg ta' l-appellant kellu jigi terminat, jew b'rizenja nkella bi tkeccija. Zgur li ma kien hemm l-ebda ntenzjoni li ssir diskussjoni fuq l-allegati offizi.

Gie stabbilit li l-laqgha kienet "*tense*", li l-kumpanija kienet lesta tmur quddiem it-Tribunal Industrijali.

Skond il-kumpanija, ir-referenza ghall-proceduri quddiem it-Tribunal Industrijali kienet wahda b'ghan pozittiv.

Din ir-riferenza ghall-proceduri eventwali quddiem it-Tribunal Industrijali ma kinitx promossa mill-appellant. F'dan ir-rigward, tenut kont ic-cirkostanzi, t-Tribunal ma hux konvint li fl-ewwel lok kien hemm bzonnha u fit-tieni lok kemm l-intenzjoni kienet wahda pozittiva. Kien x'kien l-ghan li

saret, zgur li l-effett taghha fuq l-appellant kien wiehed negattiv.

It-Tribunal josserva li kienet il-kumpanija li nfurmat lill-appellant li jekk il-kaz tieghu jkun riferit lit-Tribunal Industrijali, allura ghax ikun gie mkecci, l-offizi tieghu jsiru pubbliku, li skond il-kumpanija ma kien ikun ta' gid lil hadd.

Ghalkemm jista' jkun li dan l-istatement tal-kumpanija ma kienx intenzjonat li jservi bhala mezz ta' pressjoni, fil-fehma meqjusa tat-Tribunal ir-repetizzjoni tieghu attwalment kien forma ta' pressjoni.

It-Tribunal ikkunsidra dan il-fatt mac-cahda li l-appellant ma setax jikkonsulta ruhu biex jahsiba u/jew jiddeciedi lili nnifsu qabel jiffirma r-rizenja tieghu, fl-istat li l-laqgha kienet wahda deskritta bhala "*tense*" u fl-istat tal-appellant li skont l-istess Arthur Muscat, li mexxa l-laqgha "kien ixxukkjat".

It-Tribunal ma jistax jara kif wiehed jistenna lill-persuna akkuzata b'offizi serji hafna mghajta sommarjament biex tattendi laqgha ma' membri tas-Senior Management, fi stat dikjarat ta' "xokk", michuda fil-fatt tiddefendi lilha nfisha, setghet tigi mitluba taghzel li tirrizenja l-impjieg taghha jew li titkecca mill-impjieg, u taghmel hekk bhal li kieku dawn kienu cirkostanzi normali.

It-Tribunal jifhem li l-kumpanija seta' kellha jew jista' jkollha r-ragunijiet taghha biex waslet ghad-decizjoni li fil-laqgha msemmija kellu b'xi mod jigi terminat l-impjieg ta' l-appellant. Izda t-Tribunal jsib li r-riskju li hadet il-

kumpanija meta cahditlu d-dritt li jikkonsulta ruhu u/jew jiddefendi lilu n-nifsu imur kontra d-dritt sagrosant li jiddefendi lilu nnifsu l-appellant ghandu bhala bniedem.

Waqt is-sottomissjonijiet finali saret referenza ghall-Artiklu 974 sa 978 tal-Kodici Civili (Kap 16) dwar ir-regoli legali li jiggovernaw meta il-kunsens ikun meqjus validu jew le. Dan sar biex il-partijiet jissostanzjaw il-verzjoni taghhom dwar il-pozizzjoni li hadu ghar-rigward jekk ir-rizenja mill-impjieg kinitx wahda volontarja jew le.

F'dan ir-rigward it-Tribunal huwa sodisfatt li l-Artikoli 974 u 978 tal-Kodici Civili, Kap. 16 japplikaw u huma relevanti fil-kaz odjern. Barra minnhekk, it-Tribunal irid jirrimarka li fl-ispirtu tal-ekwita' u l-gustizzja naturali, anke jekk ikun hemm l-icken dubju dwar il-korrettezza tal-proceduri wzati mill-kumpanija fil-konfront ta' l-appellant dwar kemm ir-rizenja tieghu kienet volontarja fil-veru sens tal-kelma, t-Tribunal ma jkollu l-ebda ezitu ghajr li jikkonkludi li r-rizenja ta' l-appellant ma kinitx hielsa minn pressjoni jew vjolenza morali u cirkostanzjali.

**<u>Decizjoni</u>**

Ghaldaqstant wara li t-Tribunal Industrijali sema' u evalwa x-xhieda prodotti, ikkunsidra s-sottomissjonijiet tal-partijiet, ra u kkunsdira l-Artikoli relevanti tal-Kodici Civili dwar il-kunsens, u kkunsidra l-fatti u c-cirkostanzi kollha, dejjem fid-dawl ta' l-osservazzjonijiet tieghu citati hawn fuq, isib li r-rizenja mill-impjieg ta' l-appellant fil-fehma tat-Tribunal Industrijali ma tikkwalifikax bhala rizenja volontarja fil-veru sens tal-kelma.

Bhala rizultat it-Tribunal ghalhekk jiddeciedi li jghaddi biex jittratta din il-kwistjoni fuq il-meriti taghha, cioe' jekk it-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' l-appellant kinitx ghall-raguni tajba u sufficcjenti skond il-Ligi.

------------------
**Carmel Debono**
**CHAIRMAN**

---------------
**Edwin Spiteri**
**A/SEGRETARJU**

mrg